25 ta' Ġunju, 1951

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*

L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D.

L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.

Nicola Vella ne. *versus* Domenico Spiteri ne.

**Depożitu — Azzjoni Rivendikatorja — Azzjoni "De in Rem Verso" — Mara — Komunjoni ta' l-Akkwisti — Art. 1999 u 2000 'al-Kodiċi Ċivili.**

*Id-depożitu volontarju jista' jsir biss bejn persuni kapaċi li jikkuntrattaw.*

*Fid-depożitu, l-unika persuna obligata huwa d-depożitarju; u għalhekk, jekk dan ikun kapaċi jikkuntratta, huwa obligat għall-obligazzjonijiet kollha ta' veru depożitarju, la darba jaċċetta d-depożitu; anki jekk id-depożitant ikun persuna inkapaċi.*

*Jekk imbagħad id-depożitarju ikun persuna inkapaċi, id-depożitant għandu biss l-azzjoni rivendikatorja tal-ħaġa depożitata, sakemm din tkun għadha teżisti għand id-depożitarju, jew l-azzjoni ta' radd ta' dak li seta' safa' ta' ġid lid-depożitarju, jew lill-werrieta tiegħu fil-każ li dan ikun ġie nieqes, mill-ħaġa depożitata.*

*Mara miżżewġa ma hix kapaċi biex tagħmel depożitu mingħajr il-kunsens tar-raġel. U jekk hija tiddepożita xi ħaġa li tappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti, żewġha għandu dritt jitlobha lid-*

*depożitarju; imma taħt l-istess limitazzjoni illi, jekk id-depożitarju jkun persuna inkapaċi, dak ir-raġel tad-depożitanti għandu biss l-azzjoni rivendikatorja tal-ħaġa depożitata sakemm tkun għadha teżisti għand id-depożitarju, jew l-azzjoni tar-radd tas-somma li tkun sfaħet fa ġid lill-istess depożitarju.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re, li biha l-attur, wara li ppremetta illi l-mara tiegħu kienet tat £100 lil binthom komuni Angiola mart il-konvenut Domenico Spiteri biex, dina żżommielha, liema somma kienet tal-komunjoni ta' l-akkwisti fuq imsemmijin; u illi l-imsemmija Angiola Spiteri mietet fix-xahar ta' Awissu tas-sena 1949 mingħajr ma rrestitwiet dina l-£100, u l-eredità tagħha għadha ma ġietx aċċettata mit-tfal minuri tagħha; u illi l-attur jixtieq jiġbor huwa s-somma ta' £100 fuq imsemmija; premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, talab illi l-konvenuti, jew min minnhom, fil-kwalità tagħhom fuq indikata, jiġu kundannati li jħallsu lill-attur, fil-kwalità tiegħu premessa, is-somma ta' £100 in restituzzjoni ta' somma ugwali li ġiet depożitata f'idejn il-konvenuti kif intqal aħjar hawn fuq. Bl-ispejjeż, u bl-interessi legali mill-ġurnata tan-notifika;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tat-3 ta' Marzu 1951, tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re, li biha dik il-Qorti ddeċediet billi eskludiet it-talba ta' l-attur nomine in kwantu diretta kontra l-konvenut fil-kwalità tiegħu ta' kap tal-komunjoni ġà eżistenti bejnu u bejn martu Angiolina, bl-ispejjeż kontra l-attur, u laqgħet l-istess talba, imma limitatament għas-somma ta' £88, u għalhekk ċaħditha għall-kumplament, in kwantu diretta kontra l-konvenut fil-kwalità tiegħu ta' kuratur ta' l-eredità ġjaċenti ta' martu Angiolina, bl-ispejjeż skond ir-rispettiv rebħ u telf, billi kkunsidrat;

Illi jirriżulta li għall-ħabta tal-bidu tas-sena 1940 Rosaria Vella, mart l-attur, kienet tat lil bintha Angiolina Spiteri, mart il-konvenut, £100 biex terfagħhomilha, u minnhom tagħtiha £1 kull meta jkollha bżonn. Rosaria Vella tgħid li hija rċeviet minn għand bintha minn dawn il-flus £12........ Dawn il-flus hija rċevietħom fi żmien qasir minn meta hija kienet tat il-£100 lil bintha. Dina mietet għall-ħabta ta' Awissu

1949.......... Għalhekk jidher li l-bilanċ dovut minn dak id-depożitu huwa dak ta' £88;

Illi f'dana l-każ jittratta minn depożitu volontarju. Mhux kontestat li dana d-depożitu sar minn mart l-attur mingħajr dan ma kien jaf bih xejn, u kwindi mingħajr il-kunsens tiegħu, lil mart il-konvenut, mingħajr lanqas dan ma kien jaf b'dina l-ħaġa. Għalhekk jittratta minn depożitu magħmul minn persuna inkapaċi lil persuna oħra wkoll inkapaċi;

Illi skond l-art. 1999 tal-Kodiċi Ċivili, id-depożitu volontarju jista' jsir biss bejn persuni kapaċi li jikkuntrattaw. Imma fid-depożitu l-uniku obligat huwa d-depożitarju; u għalhekk, jekk persuna kapaċi li tikkuntratta taċċetta d-depożitu minn għand persuna inkapaċi, hija tkun obligata għall-obligazzjonijiet ta' veru depożitarju (art. 1999 ((2) Kodiċi Ċivili). Dina d-dispożizzjoni hija konsegwenza tal-prinċipju illi n-nullità tal-kuntratt minħabba inkapaċità ta' wieħed mill-kontraenti hija relativa, u tista' tiġi nvokata biss minn dak li favur tiegħu hija stabbilita l-liġi (art. 1016 ta' l-istess Kodiċi). Issa l-inkapaċi, u għalih dak li jirrappreżentah, ma jkollux interess li jiddeduċi n-nullità tad-depożitu, peress li l-uniku obligat huwa d-depożitarju; u għalhekk id-depożitarju, billi ma jistax jiġġjova minn nullità li hija ta' vantaġġ biss għad-depożitant, għandu joqgħod għall-obligazzjonijiet kollha li jiġu mill-kuntratt li jkun għamel. Fil-każ in eżami jiġi, b'konsegwenza ta' dan li ntqal, illi kieku Angiola Spiteri, id-depożitarja, kienet kapaċi, hija kienet tkun obligata li tirrestitwixxi t-£88, bilanċ tas-somma depożitata għandha; għaliex ir-restituzzjoni hija pagament. U billi d-depożitant kreditur, Rosaria Vella, hija inkapaċi, Angiola Spiteri, id-debitriċi, għandha tħallas lill-persuna li hija awtorizzata mill-liġi li tirċievi għal Rosaria Vella, u kwindi lill-attur, bħala r-raġel tal-persuna inkapaċi;

Illi f'dana l-każ, però, kif ġà ntqal, jittratta minn depożitarju inkapaċi wkoll. U għalhekk, skond l-art. 2000 tal-Kodiċi ċitat, id-depożitant, jiġifieri Rosaria Vella, u għaliha l-attur, ma għandux ħlief l-azzjoni rivendikatorja tal-ħaġa depożitata—il-bilanċ ta' £88—sakemm l-istess għadu għand Angiola Spiteri jew fl-eredità tagħha, billi hija l-lum mejta, jew l-azzjoni ta' radd li setgħet sefgħet ta' ġid lil Angiola Spiteri jew lill-komunjoni ta' l-akkwisti;

*Fil-każ in eżami ma ġiex pruvat li s-somma fuq imsemmija tinsab għand* il-konvenut fil-kwalità tiegħu ta' kap tal-komunjoni, u lanqas li dan f'dik il-kwalità għamel xi vantaġġ bis-somma depożitata. Kieku ġie pruvat li dawk il-flus baqgħu fil-komunjoni, l-azzjoni kienet tkun sewwa kif diretta kontra l-konvenut f'dik il-kwalità (Baudry Lacantinerie, Del Deposito, para. 1036); imma meta dina l-prova ma saretx, u lanqas saret dik li l-komunjoni avvantaġġjat ruħha b'xi mod minn dawk il-flus, *l-azzjoni ta' l-attur in* kwantu diretta kon-*tra l-konvenut bħala kap tal-komunjoni ma hijiex sostnuta*. Min-naħa l-oħra, la darba saret il-prova li Angiola Spiteri rċeviet £100, li minnhom baqgħu għandha £88, l-attur fil-kwalità li jidher fiha fil-kawża, għandu l-azzjoni rivendikatorja kontra tagħha, u l-hum kontra l-eredità ġjaċenti tagħha, billi hija tinsab mejta, li għandha titqies li bagħet fil-pussess ta' dawk it-£88 (Guillonard, n. 34). *U taħt dan* l-aspett l-azzjoni ta' l-attur nomine, in kwantu diretta kontra l-konvenut bħala kuratur ta' l-eredità ġjaċenti ta' Angiola *Spiteri, hija ġustifikata;*

Rat *in-nota* ta' l-appell tal-konvenut nomine, li appella mis-sentenza fuq imsemmija tat-3 ta' Marzu 1951;

Rat il-petizzjoni tal-konvenut appellant, li talab ir-riforma tas-sentenza appellata, fis-sens tal-konferma in kwantu l-Ewwel Qorti lliberatu fil-kwalità ta' kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti ġà eżistenti bejnu u bejn martu *Angiola Spiteri*, u fis-sens tar-revoka tal-parti tal-kundanna tiegħu bħala kuratur tal-wirt ta' martu għall-ħlas *ta'* £88, bl-ispejjeż skond ir-relat*iva vittorja u sokkombenza, billi tiġi miċħuda t-talba ta'* l-*attur anki* f'dina l-parti; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mill-kumpless tal-provi rriżulta li mart l-attur kellha f'idejha mfaddlin £100, u mingħajr ma kien jaf żewġha tat-hom lil mart il-konvenut, li kienet bintha, biex *iżżommhomil*-lha u biex minnhom tagħtiha kemm titlobha ftit ftit. Mart il-konvenut kienet *tislef il-flus lin-nies* bil-kunsens ta' żewġha; iżda *ma jirriżultax li mart il-konvenut ħadet* f'idejha dawk *il*-flus biex *tinnegozjahom* jew tislifhom. Hija qegħdithom f'Bank; iżda wara reġgħethom, u minnhom raddet lil mart

l-attur b'kollox £12; kif irrilevat l-Ewwel Qorti, ma jirriżultax soddisfaċentement li l-mara tal-konvenut raddet lil mart l-attur, iżjed minn dik is-somma ta' £12; u l-Qorti ma tistax toqgħod fuq il-versjoni ta' Leonardo bin il-konvenuta, għarraġunijiet rilevati fis-sentenza appellata li dina l-Qorti ma għandhiex għalfejn ittenni;

Ikkunsidrat;

Illi dik is-somma ta' £100, li kienet ġiet imfqaddla, kienet tax-xirka tal-ksib, u għalhekk minnha seta' jagħmel biss l-attur; u peress li martu tat dik is-somma f'idejn bintha mingħajr il-kunsens tiegħu, u għalhekk abużivament, huwa kellu dejjem il-jedd li jirrivendikaha (arg. ex art. 2011 (2) Kodiċi Ċivili). Iżda, peress li d-depożitarja kienet mara miżżewġa, u d-depożitu ma kellux x'jaqsam man-negozju tagħha, hija kienet persuna inkapaċi, u għalhekk l-attur ma għandux ħlief il-jedd ta' l-azzjoni ta' rivendikazzjoni tal-ħaġa sakemm tkun għadha f'idejn id-depożitarja, jokella l-azzjoni tar-radd tassomma li tkun sefgħet ta' ġid hd-depożitarja (art. 2000 tal-Kodiċi Ċivili). Ma rriżultax f'dina l-kawża li meta mietet Angiola Spiteri, fil-patrimonju tagħha ħalliet daqshekk flus jew ġid; iżda fl-istess ħin irriżulta li Angiola Spiteri kienet sefgħet il-flus li kellha l-Bank għax kellha bżonnhom (dep. Dom. Spiteri), u b'hekk anki mis-somma depożitata għandha hija avvantaġġjat ruħha, għax ikkonvertietha għall-użu tagħha. Immela għandha trodhom dawk it-£88 li kienu għadhom ma ġewx mirduda;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża billi tiċħad l-appell tal-konvenut nomine u tikkonferma s-sentenza fil-kap devolut lilha; bl-ispejjeż ta' dina l-istanza kontra l-konvenut nomine.